# Tlugħ il-Mulej fis-Sema

**Solennità**

## Qari I

*Kien meħud ’il fuq waqt li huma kienu jħarsu lejh.*

Atti 1, 1-11

**Bidu tal-Ktieb tal-Atti tal-Appostli**

1 Fl-ewwel rakkont tiegħi, Teofilu, tkellimt fuq dak kollu li Ġesù kien
għamel u għallem minn mindu beda 2 sal-jum li fih kien meħud
fis-sema, wara li, permezz tal-Ispirtu s-Santu, ta l-ordnijiet tiegħu
lill-appostli li hu kien għażel.

3 Wara l-passjoni tiegħu dehrilhom u tahom ħafna provi li hu ħaj;
f’erbgħin jum rawh kemm-il darba u kellimhom fuq il-ħwejjeġ
tas-Saltna ta’ Alla. 4 Meta kien għadu magħhom, ordnalhom biex ma
jitilqux minn Ġerusalemm, imma joqogħdu jistennew sa ma sseħħ
il-wegħda tal-Missier, «li fuqha – qalilhom – smajtu x’kont
għedtilkom: 5 Ġwanni għammed bl-ilma, imma intom, fi ftit jiem oħra
titgħammdu bl-Ispirtu s-Santu.»

6 Kif kienu flimkien staqsewh: «Mulej, hu dan iż-żmien li fih int se
terġa’ twaqqaf is-Saltna ta’ Iżrael?» 7 Hu weġibhom: «Mhijiex biċċa
tagħkom li tkunu tafu l-waqt u ż-żmien li l-Missier għażel bis-setgħa
tiegħu. 8 Imma meta jiġi fuqkom l-Ispirtu s-Santu, intom tirċievu
l-qawwa, u tkunu xhieda tiegħi f’Ġerusalemm, fil-Lhudija kollha
u s-Samarija u sa truf l-art.»

9 Wara li qal dan, huma u jħarsu lejh, kien meħud ’il fuq, u sħaba
ħadithulhom minn quddiem għajnejhom.

[10]Waqt li kienu b'għajnejhom fis-sema jħarsu lejh sejjer, f'daqqa
waħda dehru ħdejhom żewġt irġiel libsin l-abjad, [11]u qalulhom:
«Irġiel tal-Galilija, x'intom tħarsu lejn is-sema? Dan Ġesù, li kien
meħud minn magħkom lejn is-sema, għad jerġa' jiġi kif rajtuh sejjer.»

**Il-Kelma tal-Mulej**
℟. Irroddu ħajr lil Alla

## Salm Responsorjali

Salm 46 (47), 2-3.6-7.8-9

℟. (6): Tela' Alla b'għajjat ta' ferħ

*jew*

℟. Hallelujah, Hallelujah, Hallelujah

[2]Popli kollha, ċapċpu jdejkom,
għajtu b'leħen ta' ferħ lil Alla!
[3]Għax il-Mulej, l-Għoli, hu tal-biża',
sultan kbir fuq l-art kollha. ℟.

[6]Tela' Alla b'għajjat ta' ferħ,
il-Mulej bid-daqq tat-trombi.
[7]Għannu lil Alla, għannu,
għannu lis-sultan tagħna, għannu. ℟.

[8]Għax Alla s-sultan tal-art kollha:
għannulu bis-sengħa għanja sabiħa.
[9]Isaltan Alla fuq il-ġnus kollha,
joqgħod Alla fuq it-tron imqaddes tiegħu. ℟.

# Qari II

*Naslu fl-aħjar taż-żmien biex isseħħ il-milja ta' Kristu.*

Efes 4, 1-13

**Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Efesin**

Ħuti, [1]inħeġġiġkom jien, il-priġunier tal-Mulej, biex timxu sewwa
skont is-sejħa li biha kontu msejħin; [2]billi bl-umiltà kollha,
bil-ħlewwa u bis-sabar, taħmlu u tħobbu 'l xulxin. [3]Ħabirku biex
iżżommu spirtu wieħed bir-rabta tas-sliem; [4]ġisem wieħed u ruħ
waħda, l-istess kif kontu msejħa għal tama waħda; [5]Mulej wieħed,
fidi waħda, magħmudija waħda; [6]Alla wieħed u Missier ta' kulħadd,
li hu fuq kulħadd, b'kulħadd u f'kulħadd.

[7]Lil kull wieħed minna Alla tana l-grazzja skont il-qjies tad-don ta'
Kristu. [8]Hu għalhekk li tgħid l-Iskrittura: [9]«Tela'»: xi jfisser dan għajr
li hu niżel ukoll fl-inħawi l-aktar t'isfel tal-art? [10]Dak li niżel huwa
dak li tela' fuq is-smewwiet kollha, biex jimla kollox.

[11]U huwa dak li ta lil xi wħud li jkunu appostli, lil xi wħud profeti,
lil xi wħud evanġelisti, lil xi wħud rgħajja u mgħallmin: [12]Hekk
jitrawmu l-qaddisin għax-xogħol tal-ħidma tagħhom għall-bini
tal-Ġisem ta' Kristu, [13]sakemm aħna lkoll naslu biex insiru ħaġa
waħda fil-fidi u fl-għarfien tal-Iben ta' Alla; insiru raġel magħmul,
fl-aħjar ta' żmienu. U hekk isseħħ il-milja ta' Kristu.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

*Jew il-forma l-qasira*

# Qari II

*Naslu fl-aħjar taż-żmien biex isseħħ il-milja ta' Kristu.*

Ef 4, 1-7.11-13

**Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Efesin**

Ħuti, [1]inħeġġiġkom jien, il-priġunier tal-Mulej, biex timxu sewwa
skont is-sejħa li biha kontu msejħin; [2]billi bl-umiltà kollha,
bil-ħlewwa u bis-sabar, taħmlu u tħobbu 'l xulxin. [3]Ħabirku biex
iżżommu spirtu wieħed bir-rabta tas-sliem; [4]ġisem wieħed u ruħ
waħda, l-istess kif kontu msejħa għal tama waħda; [5]Mulej wieħed,
fidi waħda, magħmudija waħda; [6]Alla wieħed u Missier ta' kulħadd,
li hu fuq kulħadd, b'kulħadd u f'kulħadd. [7]Lil kull wieħed minna
Alla tana l-grazzja skont il-qjies tad-don ta' Kristu.

[11]U huwa dak li ta lil xi wħud li jkunu appostli, lil xi wħud profeti,
lil xi wħud evanġelisti, lil xi wħud rgħajja u mgħallmin: [12]Hekk
jitrawmu l-qaddisin għax-xogħol tal-ħidma tagħhom għall-bini
tal-Ġisem ta' Kristu, [13]sakemm aħna lkoll naslu biex insiru ħaġa
waħda fil-fidi u fl-għarfien tal-Iben ta' Alla; insiru raġel magħmul,
fl-aħjar ta' żmienu. U hekk isseħħ il-milja ta' Kristu.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

# Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

Mt 28, 19a.20b

Hallelujah. R/. Hallelujah
Morru agħmlu dixxipli mill-ġnus kollha, jgħid il-Mulej.
Jiena magħkom dejjem, sal-aħħar taż-żmien.
R/. Hallelujah

# Evanġelju

*Il-Mulej Ġesù kien imtella' s-sema u qagħad in-naħa tal-lemin ta' Alla.*

Mk 16, 15-20

## Qari mill-Evanġelju skont San Mark

F'dak iż-żmien, Ġesù wera ruħu lill-Ħdax u qalilhom: «Morru
fid-dinja kollha, xandru l-Evanġelju lill-ħolqien kollu. [16]Min jemmen
u jitgħammed, isalva; iżda min ma jemminx, ikun ikkundannat.
[17]U dawn huma s-sinjali li jsieħbu lil dawk li jemmnu: f'ismi jkeċċu
x-xjaten, jitkellmu b'ilsna ġodda, [18]jaqbdu s-sriep b'idejhom, u jekk
jixorbu xi xorb li jġib il-mewt ma jagħmlilhomx ħsara; iqiegħdu
idejhom fuq il-morda u dawn ifiqu.»

[19]U hekk il-Mulej Ġesù, wara li kellimhom, kien imtella' fis-sema u
qagħad in-naħa tal-lemin ta' Alla.

[20]Huma mbagħad marru jippridkaw kullimkien; il-Mulej kien jaħdem
magħhom u jwettaq il-kelma bil-mirakli li kienu jsiru magħha.

**Il-Kelma tal-Mulej**

R/. Tifħir lilek Kristu